# Bluha ta' Mument

*Ta'* Jos. Cassar Pullicino

SEBAH il-Hamis tat-tieni ġimgħa ta' Mejju u ma' l-ewwel imrieżaq li jħammru minn wara t-Torri ta' San Luċjanu dehru sejrin għal fejn il-*Ponta Ta' Ngħaġ* ħames nisa bis-sarar imwieżna fuq rashom, biċ-ċirniena fuq spallejhom u bil-maktur abjad imdawwar m'għonqhom minn fuq rashom bit-tarf tiegħu miżmum fi snienhom. Kienu jidhru nisa tax-xogħol u ta" deffa: mibruma, somor bix-xemx, il-ġilda ħarxa. Lanqas xedd ma kellhom f'saqajhom Għalfejn? Tilbes qorq jew żarbun biex tmur mir-raħal sa Birżebbuġa?! Min jaf kemm kienu xierfa saqajhom! Imbagħad oħra: għat-tul żarbun itaqqlek fil-mixi. Mela għalfejn tħabbel rasek? Basta wieħed ifittex jasal, u barra bid-daqq.

Kienu ilhom li għamlu ħsieb imorru ġurnata l-baħar. Għax iż-żmien daħal: qegħdin Mejju u Ġunju magħna; in-ngħaġ kollha mġeżża u qabel l-andrijiet jeħtieġ il-ġeżeż jinħaslu l-baħar. Imma ma ttihomx tort: mhux kuljum tista' taqbad u tħalli darek biex tmur il-baħar. It-Tnejn u t-Tlieta jkollok il-ħasil u t-tlaħliħ tal-ħwejjeġ, l-Erbgħa u l-Ġimgħa ma tniġġisx, il-Hadd ma jiswiex xogħol u s-Sibt mhux tal-ħruġ meta jkollok il-familja. Għalhekk bħal ma jagħmlu n-nies tar-rħula bħalhom, qagħdu jistennew il-Hamis li jkunu ħfief mix-xogħol biex jitilqu mir-raħal u jieħdu l-ġeżeż tas-suf jaħsluhom f'dawk l-erba' ħofriet fil-blat ta' ħada *Ta' Ngħaġ*, fejn min jaf kemm-il ġeżża nħaslet minn żmien Żemżem 'il hawn.

Għodu għodu, mela, sabu ruhom taħt dak il-ħajt li nbena ġdid ftit qabel il-gwerra u f'kemm ili ngħidlek ħarġu l-ġeżeż mill-ixkejjer, xeħtuhom jixxarrbu fl-ilma, qiegħdu l-ikel f'rokna għaddeli u huma nfishom waqfu ftit jixxottaw mill-għaraq qabel ibiddlu u jilbsu l-libsa tal-baħar u jibdew jaħslu u jogħorku u jgħannu u jqabblu.

Quddiemhom kien jidher il-blat ta' Wied il-Buni, fejn fissajf ta' kull nhar ta' Hadd kienu jaqgħu ż-Żrieraq u nies oħra u jagħmlu għors liema bħalu; 'il fuq minnu l-ħarsa timraħ sa Bengħisa u max-xellug imbagħad kien hemm il-Pont tat-Tankijiet mibni mill-Isqallin imma jseħulu *Tat-Taljani*. Mit-triq tar-Ramla nstema' t-twatwit tal-karrozzi waqt li mewġiet żgħar, misjuqa minn żiffa sabiħa, bdew jitliegħbu mal-plajja u jerġgħu jaqgħu

lura qishom qatgħu qalbhom u raġa' bdiehom. Mill-bqija xejn ma jikser il-baħħ ta' dik id-dehra ħlief xi wieħed jistad għal talwiċċ minn fuq l-art, xi sajjied idur fuq xi qoxra bil-ħġieġa għallqarnit, u dawk il-ħames nisa li issa kienu daħlu saqajhom fl-ilma, poġġew bil-qiegħda fuq ix-xfar tal-ħofriet tal-blat u bdew ilaħalhu u jogħorku l-ġeżeż tas-suf biex jissaffew mill-ħmieġ li kellhom —jaħdmu, igħannu u jpaċpċu.

Ipaċpċu! Kien kliem imxerred fuq kull xorta ta' ħwejjeġ u ta' nies. Imma fost oħrajn kien hemm bniedma li ta' sikwit kienu jwaqqgħu kliemhom fuqha sa kemm fl-aħħar minn dak kollu stajna ndommu bil-kliem ġrajja li bħalha rajna u smajna fissnin ta-gwerra—ġrajja qarsa fit-togħma imma minnha. Kienet ġrajja ta' tfajla raħlija!......

"Ma kenitx gwerra għal Rożi, miskina! Min keilu jgħidilha li dik bintha sa tispiċċa biex tagħmel li għamlet? Ma tgħidx kienet kbira, jew kerha, jonkella immankata li taqta' qalbha miżżwieġ! U l-pont tal-ħjata kien jaqlagħha wkoll. Imma sewwa jgħidu li mill-ward joħroġ ix-xewk, u din l-imgħarrqa gwerra ħażżnitha 'l dik it-tifla. Kiefra l-ħajja! Trabbi l-ulied u mbagħad tmut bil-għali tagħhom. Ara Rożi kif saret għobra u qed tinfena mħabba bintha Ġanna!

"Din Ġanna trabbiet sewwa; Dutrina marret u skola tgħallmet sal-ħames klassi tal-Gvern. Sena minnhom kienet saħansitra ħadet l-premju fost it-tfal kollha u sa fil-gazzetta kienu ġibuha... Ma' l-erbatax-il sena daħlet mal-ħajjata tar-raħal, telqet mill-iskola u, wara ftit, ħalliet ukoll mill-Azzjoni Kattolika. Imma ittra lil zijuha l-Awstralja baqgħet tiktibha, il-*Brombos* kienet tixtrih kull meta joħroġ u tiflieh minn qoxra sa qoxra u l-figorin kienet tifhmu biżżejjed biex tfassal minn fuqu. U hekk kollox kien miexi ħarir sakemm faqqgħet il-gwarra u ġarrabna l-ħruxija tal-bombi tal-għadu.

"Tafu intom dil-gwerra kemm ġagħlet nies iħallu djarhom biex ifittxu kamra man-nies f'xi raħal imbiegħed. Mela ftit wara li waqgħet l-Isla u Bormla ġew joqogħdu ma' nies Ġanna familja min-Naħa l-Oħra—raġel imdaħħal ma 'tal-A.R.P., martu u bintu xebba jisimha Lily. Kienet din xbejba fabbli ħafna u f'kemm ili ngħidlek tħabbet ma' Ġanna u bdew kull fejn toħroġ waħda tmur l-oħra magħha. Imma għalkemm dħulija, din Lily kellha tagħha wkoll: kienet tifla ta' daż-żmien, tilbes skullat u

mqaċċat iktar milli jmiss, xoffitejha miżbugħa, u raġel ma tafux tkellmu qisha qed tkellem 'l ommha. U fejn taf x'ġesti kellha u xi ksuhatı magħha meta trid!...... Ma damitx ma bdiet tkellem surġent Ingliż minn dawk is-suldati li ġiebu fl-iskola tar-raħal. Ġanna kienet tmur twassalha u l-oħra baqgħet sa ħajritha taqbad wieħed hija wkoll biex ma tiddejjaqx tistenna għaixejn. In-nies ma dametx ma bdiet tgħid u tqasqas, u nies Ġanna semgħu, għajtu magħha u hedduha bil-ponnijiet ma' wiċċha. Ommha qaltilha lil Lily illi 'l bintha Ġanna ma kellhiex xi tridha—meta trid tmur xi mkien tmur waħedha. U għamlet minn kollox, tefgħet botti, għamlet azzjonijiet ħżiena u x'naf jien biex iddejjaq ir-rifuġjati li kellhom magħhom u forsi jitilqu. Rat dan kollu, Ġanna bħal beżgħet ftit u għall-mument donnu kollox raġa' kif kien qabel

"Ġanna beżgħet u għall-mument baqgħet bi kwietha. Imma mhux għal żmien twil. Għadda ż-żmien u bdiet tara bidla kbira f'bosta minn sħabha li kienu ta' mparha u li ma kenux għamluha la ma' Lily u lanqas ma' ħaddieħor. Bdiet tarahom jilbsu aħjar: ħaddejhom dejjem ħomor, xofftejhom dejjem lewn il-qroll. Dan kif? Ġanna kienet taf li f'dak il-għaks li kellna l-hejm fil-lbies u l-lussu ma setgħux jiġu mill-qligħ żgħir tal-familji. Ir-rejdijiet ma jaqtgħu xejn, lejl u nhar kulħadd ġox-xelter, il-ħwejjeġ u l-ikel jiskarsaw u jogħlew—u ħbieb Ġanna aktar jiċċappsu u jiżbgħu; xiddu l-kappelli, għamlu ż-żarbun bit-takkun għoli tas-sufra, waqt li l-kutri għamluhom kowtijiet għall-bard. "Dawk x'inhuma aħjar minni?" qalet Ġanna 'l ommha. U żiedet taħseb: "Mur ara x'ħadt billi qgħadt ġewwa! Libsa waħda fuqi, Ħadd u xogħol. Ma nista' nmur imkien, dejjem ikkakkmata ġewwa. Jien m'iniex agħar minn ħaddieħor, u mhux biħsiebni ngħaddi ħajja ta' soru. Jew noħroġ kemm irrid inkella noħroġ minn jeddi u nitlaq għal rasi." Hekk ħasbitha Ġanna f'dak il-ħin ta' bluha.

"Biex ma ntawwalx għaddiet tagħha, u Ġanna tatha għal ħajja oħra. Innokklat xagħarha bil-makna għand wieħed il-Belt —nefqet lira għal hekk biss—u kuljum filgħaxija bdiet tmur jew tiżfen jew it-talkies għand dak li fetaħ ġdid għall-Ingliżi f'tarf ir-raħal. U f'għaks bħal dak li konna fih il-ħajja għal Ġanna ma ġiebet l-ebda nuqqas. Ikel ikel u lbies ilbies! Hemm il-kantin u l-kutri tal-militar jagħmlu tajjeb! Billi dderrilhom ftit lis-suldati, msieken? x'fiha!...... Kemm qalulha u wissewha! Sal-Kappillan bagħat għal Ġanna u għal oħrajn bħalha u widdibhom, im-

ma kollu ta' xejn. U ż-żmien dejjem għaddej. Jiġu suldati u jmorru u jiġu oħrajn flokhom imma għal Ġanna u għal sħabha qishom dejjem baqgħu l-istess nies. Maż-żmien draw ipejjpu bla ma jagħmillhom id-deni, bdew iriduha ta' Ingliżi u bidlu isimhom la Ingliża. Għalhekk Janey—mhix aktar Ġanna—bdiet toħroġ daqqa ma' Skoċċiż u daqqa ma' Ingliż, issa ma' ta' l-Awstralja u issa ma' l-Irlandiżi, u saret tgħid li n-nies tar-raħal tagħha kienu għadhom lura wisq.

"Ġie żmien, imbagħad, li rajna fostna s-suldati suwed ukoll. Ġew minnhom fl-iskola tar-raħal u kien hemm sew minn tal-Basutu kemm minn tal-Mauritius. Tafu kif għall-ewwel kulħadd beża' minnhom għax suwed, imbagħad ftit ftit daħlet il-ħbiberija magħhom ukoll. Imma l-aktar li ħadu grazzja l-Maltin ma' tal-Mauritius, għax għallinqas ħafna minn dawn kienu Insara, u barra minn hekk kienu jafu jitħaddtu bosta lingwi u ma kenux koroħ sa barra.

"Wieħed minnhom saret tafu Ġanna u ntilfet għal urajh. Kien jiġi għaliha kull jum, u daqqiet kienu joħorġu bir-rota. Kien donnu xort'oħra minn sħabu għalkemm ismar bħalhom. Kien jaf imur ma' dak li jkun, kwiet ħafna u ta' sikwit kien jeħdilha xi ħaġa. Ġanna spiċċat biex waħħlet f'rasha li saret tħobbu, u kien għalxejn li ommha u nies oħra bdew igħidulha u jħassrulha u jurulha l-bluha tagħha biex forsi jerġa' jibdielha. Anzi sewa agħar għax fl-aħħar, biex tgħaddi tagħha, marret għamlet l-ikbar ġenn li tista' tagħmel xebba fl-isbaħ ta' xbubitha!......

"Għadda żmien bi żmien u d-dnub tagħha deher. Hija nfisha issa riedet issewwi l-iżball tagħha u xtaqet tirranġa imma ma setgħetx. L-ieħor mar u siefer u ħallieha warajh, u l-aħħar li nstema' fuqha li marret Għawdex għal ftit ġimgħat......

"Issa m'ilux," żiedu qalu dawk il-ħames nisa fejn il-Ponta ta' Ngħaġ, "issa m'ilux telqet minn magħna u fetħet ta' ħajjata f'raħal ieħor fil-qrib fejn fix-xogħol tagħha qiegħda tnissi lilha nfisha dak iż-żmien ta' żgħożitha moħli mħabba l-bluha ta' moħħa."